MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-18 ta' Jannar, 2013

Citazzjoni Numru. 222/2009

**A B**
**vs**
**C D**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta hekk: il-partijiet izzewgu fid-9 ta’ Marzu 1996 u minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom tewmin; illi fil-15 ta’ Settembru 2003 il-partijiet iffirmaw kuntratt ta’ separazzjoni personali fl-atti tan-Nutar Carmel Gafa`; illi dan il-kuntratt jirregola l-access tal-missier ghall-minuri; illi dan l-arrangament mexa tajjeb sakemm il-konvenuta bdiet relazzjoni ma’ ragel iehor; illi l-konvenuta applikat ghall-annullament pero dan gie michud permezz ta’ sentenza datata 25 ta’ Gunju 2009; illi l-attur ilu sena u nofs ma jara lill-uliedu u li skond il-psikologa maghzula mill-konvenuta dan huwa dovut minhabba l-influenza ta’ l-

omm fuq it-tifel Francesco; illi l-Qorti qablet mal-psikologa li l-konvenuta ghandha tfittex l-ghajnuna; illi l-medjazzjoni falliet; ghalhekk l-attur jitlob li fl-interess tat-tfal u ta' l-istess attur l-kura u l-kustodja tal-minuri tigi fdata f'idejn l-attur, b'access favur l-omm; bl-ispejjez kontra l-konvenuta li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata li biha l-konvenuta opponiet ghat-talbiet ta' l-attur, "stante li mhux fl-ahjar interess tat-tfal minuri Francesco B u Mariah B li prezentement ikollu access ghalihom, wisq inqas il-kura u l-kustodja"; inoltre l-Qorti ssospendiet l-access favur l-attur; illi l-attur gie kkundannat mill-Qorti tal-Magistrati (Malta); illi l-konvenuta m'ghandhiex tbaghati ebda spejjez.

Rat ir-rapporti tas-segwenti:

Psikologa Carmen Sammut minnha prezentat u mahluf fis-27 ta' Mejju 2008 [a fols. 99 et seq.]; l-avukat tat-tfal Dr. Stehpanie Galea [a fols. 126 et seq.]; Psikologa Luisa Eminjan minnha prezentati u mhalufa fl-14 ta' Mejju 2009 u fit- 2 ta' Lulju 2010 u nota taghha datata 27 ta' Jannar 2010 [a fols. 138 et seq., fol. 291 u fols. 311 et seq.]; Psikologa u Psikoterapista Denise Borg minnha prezentat u mahluf fid-29 ta' Mejju 2009 [a fols. 145 et seq.]; Psikologa u Psikoterapista Anna Maria Mangion datat 25 ta' Jannar 2010 [a fols. 289 et seq.]; Haddiema Socjali Therese Micallef minnha prezentat u mahluf fit-2 t'Awissu 2010 [a fols. 344 et seq.]; Psikoterapista u Terapista tal-Familja Carmen Delicata, Psikologa Luisa Eminyan u Haddiema Socjali Therese Micallef minnhom prezentat u mahluf fis-16 ta' Mejju 2011 [a fols. 371 et seq.];

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet u r-replika

Semghet lill-minuri kameralment;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob li din il-Qorti tafdah bil-kura u kustodja tal-minuri, bi dritt t'access favur il-konvenuta.

Minn naha taghha l-konvenuta qeda topponi ghal dawn il-pretensjonijiet, ghax skond hi dan mhux fl-ahjar interess tal-minuri.

**Kura u Kustodja**

Fir-rapport taghha l-Psikologa Carmen Sammut qalet li "*Jidher bic-car li t-tfal mhux qeghdin f'pozizzjoni li jiltaqghu mal-missier wehidhom ghax huma jidhru rrabjati u konfuzi dwar r-relazzjoni taghhom mieghu*"[1]. Inoltre, tkompli sabiex tirrakommanda li l-minuri "*jigu provduti b'terapija tal-familja flimkien ma' missierhom biex ikunu jistghu jesploraw r-relazzjoni li ghandhom ma' missierhom... L-omm forsi tkun tista' tigi mistiedna biex tattendi jekk ikun hemm bzonn. Il-missier jista' jkollu ghajnuna wkoll kif jista' jirrelata u jiddixxiplina lil uliedu b'mod iktar effettiv u kostruttiv. Terapija individwali ghat-tfal, forsi minn xi psikologa tat-tfal, jista' jghin u jissapportja lit-tfal...*"[2].

Fil-konkluzzjonijiet taghha l-Avukat tat-Tfal Dr. Stephanie Galea rrimarkat li "*t-tfal huma anzjuzi u taht pressjoni minhabba l-agir aggressiv ta' missierhom. Jidher li anke fil-laqghat ma' missierhom fl-Agenzija Appogg qed ikun hemm xenati u rabbja da parti ta' Mr. B, u dan qed ikompli jzid ma l-anzjeta` tat-tfal*"[3]. Hija esprimit l-opinjoni li "*t-tfal m'ghandhomx jigu sforzati biex jaraw lill-missierhom kontra x-xewqa taghhom billi tali pressjoni tista' tkun ta' dannu ghalihom*"[4]. Din l-opinjoni giet ukoll esperssa fir-rakkomandazzjonijiet tal-Psikologa u Psikoterapista Denise Borg fejn hija qalet li "*the child is not forced to see her father as this will not support the father-child*

[1] Fol. 107 tal-process.
[2] Fol. 108 tal-process.
[3] Fol. 127 tal-process.
[4] Ibid.

*relationship*”[5] u dan fir-rigward tat-tifla minuri Mariah. Kif ukoll hekk gie konkluz u rrakkomandat fir-rapport tal-Psikologa Luisa Eminyan fejn fir-rigward tal-minuri Francesca hija tal-fehma li “*...wiehed irid ukoll jikkunsidra x-xewqat tat-tfal... It-tfal qatt m’ghandhom jigu mgielha biex jiltaqghu mal-genituri kontra’ il-volonta` taghahom. Il-kuntatt sforzat jista’ jkun ta’ iktar hsara lit-tfal u jista’ johloq fihom iktar emozzjonijiet ta’ rabja u dwejjaq. Huwa ukoll probabbli li jekk il-missier jerga’ jinghata access mat-tifel bhalissa, dan jkompli jirrifjuta u anke jagixxi b’mod li jista’ jkun ta’ dannu ghalih innifsu, hekk kif gara fil-passat*”[6].

Illi mill-provi, kemm mir-rapporti ta’ l-esperti hawn fuq indikati, kif ukoll mill-fatti li hargu waqt il-kawza, specjalment tenut kont tax-xewqat espressi ta’ l-istess minuri l-access favur il-missier m’ghandux jigi enfurzat fuqhom, ghax certament ma jkunx fl-ahjar interess ta’ l-istess minuri li dawn jigu mgieghla jaraw lill-missierhom kontra r-rieda taghhom. Inoltre, impozizzjoni f’ dan ir-rigward, f’ dan l-istadju tista’ tkun kontro-produttiva ghall-ghan li tigi stabbilita relazzjoni tajba bejn l-attur u uliedu.

Ghaldaqstant fic-cirkostanzi mhux fl-interess tal-minuri li t-talba tal-attur sabiex dan jigi fdat bil-kura u kustodja tal-minuri, b’ access favur l-omm tigi milqugha.

**Access**

Fid-dawl tal-premess, u *rebus sic stantibus,* il-Qorti fir-rigward tal-access, tordna li l-minuri jattendu ghal sessjonijiet ghand il-Psikoterapista li ser tigi nominata minn din il-Qorti, sabiex din tkun tista’ tghinhom jibnu relazzjoni tajba bejn il-minuri u l-attur, u anke taghti direzzjoni dwar meta u kif ghandu jsir l-access bejniethom.

Ghalhekk f’ dan l-istadju qed tinnomina bhala espert lill-Psikoterapista David Grillo sabiex jaghmel sessjonijiet mat-tfal bil-ghan fuq indikat.

[5] Fol. 153 tal-process.
[6] Fol. 142 tal-process.

Inoltre, tenut kont tal-fatt li, fil-fehema ta' din il-Qorti, is-sitwazzjoni prezenti kienet rizultat ta' l-imgiebda da parti taz-zewg partijiet fil-konfront ta' xulxin u ta' uliedhom, l-ispejjez ta' l-espert ghandhom ikunu a kariku taz-zewg partijiet fi kwoti wgwali. Il-partijiet huma ordnati li jaderixxu mal-istruzzjonijiet tal-espert nominata.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi, f' dan l-istadju tichad it-talba tal-attur ghall-kura u kustodja tal-minuri, filwaqt li tordna li l-access favur il-missier ghandu jigi regolat fit-termini, u kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata "Access".

Spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------